



2024/567

15.2.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/567

tal-14 ta' Frar 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 fir-rigward tal-użu tal-prova diġitali tal-oriġini għall-prodotti li joriġina mill-Brażil u tal-ġestjoni tal-kwoti tariffarji

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 187 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 ⁽²⁾ jistabbilixxi li l-importazzjonijiet tal-tjur mill-Brażil skont il-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4211, 09.4214, 09.4217, 09.4251, 09.4252, 09.4253, 09.4410 u 09.4420 iridu jkunu akkumpanjati minn ċertifikat tal-oriġini maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti Brażiljani. Dak iċ-ċertifikat tal-oriġini jrid jikkonforma mal-Artikoli 57, 58 u 59 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ⁽³⁾. Skont l-Artikolu 57(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, iċ-ċertifikat irid jinħareġ f'format stampat kif stabbilit fl-Anness 22-14 ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
- (2) Mill-1 ta' Marzu 2023, il-Brażil ħareġ dawk iċ-ċertifikati tal-oriġini f'format diġitali, għall-kuntrarju ta' dak li huwa stabbilit fl-Anness 22-14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447. Sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn fil-kummerċ, jixraq li tiġi prevista deroga mill-Artikolu 57(1) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni li tippermetti l-użu taċ-ċertifikati tal-oriġini maħruġa f'format diġitali.
- (3) Sabiex jiġi żgurat li l-prova tal-oriġini tibqa' awtentika, jenħtieġ li jiġi previst mudell għaċ-ċertifikat diġitali fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761. Kwalunkwe proċessar tad-*data* personali mwettaq fil-qafas ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jenħtieġ li jkun konformi mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾. L-ipproċessar tad-*data* huwa stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 bl-oġġettiv uniku li jaqdi l-interess pubbliku ġenerali, jiġifieri l-kwistjonijiet tat-tassazzjoni u l-finijiet li jiġi żgurat kummerċ bla xkiel u sikur tal-prodotti agrikoli akkumpanjati minn dokumenti maħruġa f'format diġitali.
- (4) Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti akkumpanjati minn dawk iċ-ċertifikati diġitali jenħtieġ li jissokta jiġi rregolat mir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 57, 58 u 59 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.
- (5) L-Artikolu 16(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 jirrikjedi li l-Istati Membri jinnotifikaw kull zahar il-kwantitajiet koperti minn liċenzji tal-importazzjoni abbażi tad-dokumenti maħruġa minn pajjiż terz. Madankollu, din in-notifika ma għadhiex meħtieġa għall-ġestjoni korretta ta' dan it-tip ta' kwoti tariffarji. Dan għaliex, skont l-Artikolu 17(6), qabel ma tinħareġ il-liċenzja bbażata fuq id-dokumenti maħruġa minn pajjiżi terzi, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bin-numru tal-liċenzja u l-kwantità li tkopri. Għalhekk, biex tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' din in-notifika u jitnaqqas il-piż fuq l-Istati Membri, jenħtieġ li jitħassar l-Artikolu 16(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj?locale=mt>.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-liċenzji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/761/oj?local=mt).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/2447/oj?local=mt).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj?local=mt>).

- (6) L-Artikolu 16(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 jistabbilixxi r-regoli għan-notifika tal-kwantitajiet kemm użati kif ukoll mhux użati skont il-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni. Il-formulazzjoni attwali ma tiċċarax li n-notifiki li jikkonċernaw il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jiġu ppreżentati 4 xhur wara l-iskadenza tal-validità tal-liċenzji, filwaqt li dawk li jirreferu għal-liċenzji tal-esportazzjoni għandhom jiġu ppreżentati 210 ijiem kalendarji wara l-iskadenza. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi ċċarat li n-notifiki tal-kwantitajiet mhux użati mhumiex meħtieġa għal-liċenzji abbażi ta' dokumenti maħruġa minn pajjiżi terzi. Għalhekk, jenħtieġ li dik id-dispożizzjoni tiġi emendata.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komunitas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 huwa emendat kif ġej:

- (1) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 15a

B'deroga mill-Artikolu 57(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, meta l-Annessi II sa XIII ta' dan ir-Regolament jirreferu għal dan l-Artikolu, għandu jinħareġ ċertifikat tal-orijini relatat mal'prodotti li għandhom l-orijini tagħhom f'pajjiżi terzi li għalih huma stabbiliti arranġamenti speċjali ta' importazzjoni mhux preferenzjali, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness XVII ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fih.”;

- (2) L-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

- (a) fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3, jitħassar il-punt (c);
(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. Il-kwantitajiet mhux użati koperti minn liċenzji tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni fi żmien 4 xhur jew 210 ijiem kalendarji rispettivament, wara l-iskadenza tal-perjodu ta' validità tal-liċenzji kkonċernati.

Għal-liċenzji tal-importazzjoni, il-kwantitajiet rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera matul il-perjodu preċedenti tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni għandhom jiġu nnotifikati, fi żmien 4 xhur wara tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja.

Il-kwantitajiet mhux użati koperti minn liċenzji tal-importazzjoni abbażi tad-dokumenti maħruġa minn pajjiżi terzi ma għandhomx jiġu nnotifikati.”;

- (3) l-Anness XII huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;
(4) it-test stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament jiżdied b'hal l-Anness XVII.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

Fl-Anness XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, fit-tabelli li jirreferu għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4211, 09.4214, 09.4217, 09.4251, 09.4252, 09.4253, 09.4410 u 09.4420, ir-ringiela "Prova tal-oriġini għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera" hija sostitwita b'dan li ġej:

"Prova tal-oriġini għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera"	Iva. F'konformità mal-Artikoli 57, 58 u 59 tar-Regolament (UE) 2015/2447 u mal-Artikolu 15a ta' dan ir-Regolament."
---	---

ANNEX II

"ANNEX XVII

Mudell ta' Ċertifikat diġitali tal-orġini għal ċerti prodotti soġġetti għall-arranġamenti speċjali ta' importazzjoni mhux preferenzjali msemmija fl-Artikolu 15a

Noti ta' introduzzjoni:

1. Il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikati tal-orġini marbuta mal-prodotti li għandhom l-orġini tagħhom f'pajjiż terz li għalihom huma stabbiliti arranġamenti speċjali ta' importazzjoni mhux preferenzjali għandu jkun ta' 12-il xahar mid-data tal-ħruġ mill-awtoritajiet tal-ħruġ.
2. L-Awtoritajiet doganali għandhom iqabblu d-dokument ippreżentat mill-operaturi ma' dak korrispondenti disponibbli fil-bażi tad-*data* online pprovduta mill-awtorità tal-ħruġ tal-pajjiż terz rilevanti. L-awtoritajiet doganali fl-Unjoni għandhom jaċċettaw bħala validu biss id-dokument disponibbli fil-bażi tad-*data* tal-pajjiż terz.
3. Il-formola għandha timtela b'ittri ttajpjati f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni. L-entrati fid-dokument stampat u ppreżentat lill-awtoritajiet doganali ma għandhomx jitħassru jew jiġu miktuba mill-ġdid.
4. Id-dokumenti għandu jkollhom numru tas-serje li bih ikunu jistgħu jiġu identifikati, kif ukoll id-*data* li ġejja:
 - (a) fil-kaxxa 1 u 2, id-*data* li tidentifika l-konsenjatur tal-pajjiż terz u d-destinatarju bbażat fl-Unjoni, rispettivament;
 - (b) fil-kaxxa 3, id-*data* li tidentifika l-awtorità tal-pajjiż terz li jorhoġ id-dokument u s-simbolu tagħha;
 - (c) fil-kaxxa 4, il-pajjiż tal-orġini;
 - (d) fil-kaxxa 5:
 - (i) in-numru tas-serje tal-liċenzja tal-importazzjoni maħruġa minn kwalunkwe Stat Membru li għalih jirreferi d-dokument;
 - (ii) id-dettalji addizzjonali kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tirregola l-arranġamenti speċjali tal-importazzjoni;
 - (iii) jekk maħruġa retrospettivament biss, l-indikazzjoni li ġejja f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni:
 - Expedido a posteriori,
 - Udstedt efterfølgende,
 - Nachträglich ausgestellt,
 - Εκδοθέν εκ των υστέρων,
 - Issued retrospectively,
 - Délivré a posteriori,
 - Rilasciato a posteriori,
 - Afgegeven a posteriori,
 - Emitido a posteriori,
 - Annettu jälkikäteen/utfärdat i efterhand,
 - Utfärdat i efterhand,
 - Vystaveno dodatečně,
 - Välja antud tagasiulatuvalt,
 - Izsniegts retrospektīvi,
 - Retrospektyvusis išdavimas,
 - Kiadva visszamenőleges hatállyal,
 - Maħruġ retrospettivament,
 - Wystawione retrospektywnie,

- Vyhotovené dodatocne,
 - Издаден впоследствии,
 - Eliberat ulterior,
 - Izdano naknadno;
- (e) fil-kaxxa 6, in-numru tas-serje tal-konsenja li fiha tasal il-merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni, flimkien man-numri tal-oġġett u tal-immakar, l-għadd u t-tip tal-pakketti, u d-deskrizzjoni tal-merkanzija;
- (f) fil-kaxxa 7, il-kwantità f'kilogrammi tal-prodotti li għandhom jiġu rilaxxati fiċ-ċirkolazzjoni libera, kemm il-massa netta kif ukoll dik grossa;
- (g) fil-kaxxa 8, il-firma awtentika tal-uffiċjal u s-siġill awtentiku tal-awtorità tal-ħruġ tal-pajjiż terz, ekwivalenti mill-inqas għall-firem elettroniċi avvanzati stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾. Alternattivament, is-siġill jista' jiġi sostitwit b'kodiċi QR li jorbot mal-bażi tad-*data* fejn ikun maħżun id-dokument oriġinali f'format diġitali;
- (h) il-kaxxa 9 ma għandhiex timtela;
- (i) jew f'qiegħ il-paġna, fil-kaxxa 5 jew fil-kaxxa 8 l-indirizz web fejn l-Awtoritajiet doganali jistgħu jsibu d-dokument oriġinali f'format diġitali għandu jkun indikat b'mod ċar.
5. Kull ċertifikat għandu jkollu numru tas-serje, li permezz tiegħu jista' jkun identifikat, u għandu jkun stampat mill-awtorità tal-ħruġ u ffirmat mill-persuna jew mill-persuni li għandhom l-awtorità li jagħmlu dan.

1	Konsenjatur	Numru tad-dokument	
2	Destinatarju	3	Awtorità tal-ħruġ
		4	Pajjiż tal-oriġini
5	Rimarki		
6	Numru tal-oġġett – Marki u numri – Għadd u tip ta' pakkett – DESKRIZZJONI TAL-MERKANZIJA	7	Massa grossa u l-massa netta (f'kg)
8	DAN JIĊĊERTIFIKA LI L-PRODOTTI HAWN FUQ JORIĠINAW FIL-PAJJIŻ IMSEMMI FIL-KAXXA 4 U LI L-INDIKAZZJONIJIET FIL-KAXXI 5 U 6 HUMA KORRETTI (*)		
9	IRRIŻERVATA GĦALL-AWTORITAJIET DOGANALI FL-UNJONI EWROPEA		
(*) Biex tivverifika l-awtentiċità ta' dan id-dokument tista' tiskenja l-kodiċi QR jew taċċessa l-link li ġejja:".			

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj?locale=mt>).